# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 191/2013**

Il-Pulizija

vs

**Alfred Portelli**

iben Anthony , imwieled Birkirkara, fit-28 ta’ Lulju, 1956, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 52346(M)

Illum, 23 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Alfred Portelli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli Nhar l-20 ta’ Diċembru 2005 u fis-snin ta’ wara din id-data f’Malta u/jew fl-ibħra territorjali jew fiż-żona kontigwa ta’ Malta xjentement, jew b’negligenza, nuqqas ta’ ħila jew ta’ osservanza ta’ regolamenti kkaġuna dannu lil jew qered proprjeta’ kulturali sew jekk tali proprjeta’ kulturali tkun sew jew ma tkunx reġistrata f’xi inventarju skont l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali, Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talli għamel attivita' jew inkella aġixxa bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali, Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' regolamenti magħmulin taħtu jew tal-kondizzjonijiet ta' liċenza jew permess maħruġ taħt l-istess Att jew naqas milli jagħmel xi ħaġa li kien meħtieġ li jagħmel taħt dan l-istess Att, regolament jew liċenza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' April, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-akkuzi, illiberat lil Alfred Portelli minn kull akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fis-6 ta' Mejju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata, u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija f'dan l-umli appell, issib lill-appellat Alfred Portelli **ħati** taż-żewġ (2) imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u konsegwentement tinfliġġi l-piena skont il-liġi [art. 53(1) tal-Kap. 445], kif ukoll tordna r-ripristinament tas-sit taħt penali kuljum fin-nuqqas, u dana ai termini ta' l-artikolu 53(3) tal-Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat abbażi tal-konsiderazzjonijiet li hija għamlet, u l-interpretazzjoni manifestament żbaljata tal-liġi li applikat għall-istess! Bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, id-deċiżjoni appellata hija sorprendentement żbaljata.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq ħames (5) punti, li jistgħu jiġu elenkati kif ġej:

1. L-appellat ma kienx jaf li sit kien wieħed ta' mportanza arkeoloġika u dana il-għaliex is-sid preċedenti u l-awtoritajiet ma nfurmawħx b'dan;

2. Illi l-avviż imwaħħal fuq il-post li jindika li s-sit huwa wieħed ta' mportanza arkeoloġika twaħħal fuq il-post fl-2004 u l-appellat xtara' fl-2005;

3. Li s-sid preċedenti qatt ma' nforma lill-appellat b'dan l-avviż;

4. Li meta kien qed jagħmel l-iżvilupp illegali tiegħu l-appellat ma ra ebda fdalijiet arkeoloġiċi; u

5. Li hemm applikazzjoni pendenti mingħand l-appellat biex dan l-iżvilupp jiġi sanzjonat.

Magħduda dawn il-konsiderazzjonijiet, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi: *"Peress illi r-reat kriminali huwa wieħed ta' natura volontarju ħlief meta l-liġi tipprefiġġi traskuraġni negliġenza jew nuqqas ta' ħila",* minħabba l-ħames (5) raġunijiet fuq imsemmija din il-volontarjeta' ma teżistix, u kwindi l-Qorti lliberat lill-appellat.

Illi dejjem bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, id-deċiżjoni li waslet għaliha kienet manifestament u sorprendentement żbaljata.

Illi primarjament u kuntrarju għal dak li rritjeniet l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-Ewwel akkuża tikkolpixxi wkoll id-dannu *involontarju*: *"... jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' osservanza ta' regolamenti kkaġuna dannu..."*. L-Ewwel Qorti njorat dan kompletament, anzi, bl-aktar mod żbalordattiv irritjeniet illi *"r-reat kriminali huwa wieħed ta' natura volontarju ħlief meta l-liġi tipprefiġġi traskuraġni negliġenza jew nuqqas ta' ħila"* Effettivament l-Ewwel akkuża kienet tittratta proprju dwar dan.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti 'tiskuża' lill-appellat għal dak li għamel prinċipalment minħabba li s-sid ta' qabel (Emmanuel Bonnici) ma nfurmax lill-appellat li l-għalqa li begħelu kienet fuq sit arkeoloġiku, u li l-"awtoritajiet kompetenti" naqsu milli jinfurmaw lill-appellat li s-sit kien wieħed ta' mportanza arkeoloġika/kulturali. B'kull rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti in-nuqqas ma' kienx ta' Emmanuel Bonnici. Lanqas ma kien ta' l-"awtoritajiet kompetenti". Iżda kien unikament u esklussivament ta' l-appellat Alfred Bonnici **<u>li kellu l-obbligu legali li japplika għall-permessi relattivi (mal-MEPA) qabel ma jibda' jiżviluppa s-sit</u>.** Li kieku l-appellat mexa mal-liġi u applika għall-permess mal-MEPA, kien jirriżultalu mill-ewwel li s-sit huwa wieħed ta' mportanza arkeoloġika/kulturali, u dana għaliex il-MEPA għandha d-*database*

relattiv u l-*Archaelogical Heritage Policies*, u din hija proprju waħda mill-funzjonijiet tal-MEPA. Huwa proprju għal raġunijiet bħal dawn odjerni li l-ligi timponi obbligu fuq l-iżviluppatur li japplika għall-permess qabel ma jibda' l-iżvilupp!

Illi f'dan il-kuntest huwa tabilħaqq sorprendenti kif l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza tagħha, tagħti tort lil kulħadd (is-sid preċedenti, l-awtoritajiet) minbarra lil min verament kellu tort – l-appellat. B'kull rispett, jirriżulta mill-atti li Emmanuel Bonnici biegħ lill-appellat għalqa *tale quale*. Il-liġi ma timponi ebda obbligu fuq il-venditur li jinforma lill-kumpratur dwar dan. Kif jgħid l-istess Emmanuel Bonnici (a fol. 88): *"jiena meta beħħejt ma beħħejtx dak li rajtuni fir-ritratt… Jiena beħħejt bħala għalqa Sur Maġistrat, għalqa tinħadem parti minnha u parti minnha kienet xagħri"*. Emmanuel Bonnici biegħ din l-għalqa (parti tinħadem u parti xagħri) lill-appellat bħala tali. Kien l-appellat li qabad u beda jibni f'dan is-sit mingħajr permess!! Li kieku l-appellat ħalla l-għalqa kif kienet u wżaha għal skop agrikolu, ma kien ikun qed jikser ebda liġi u żgur li ma kenux isiru l-proċeduri odjerni!! Lanqas ma huwa ġust, dejjem bir-rispett, li l-Ewwel Onorabbli Qorti titfa' l-ħtija fuq l-awtoritajiet. Għalkemm huwa ndubbjament deżiderabbli li kull żona ta' mportanza arkeoloġika/kulturali tkun immarkata fiżikament permezz ta' tabelli, dan mhux dejjem ikun possibbli, u l-liġi ma timponi ebda obbligu f'dan ir-rigward. Fil-kaz odjern kien biss l-appellat Alfred Portelli li naqas mill-obbligu legali tiegħu li japplika għall-permess qabel ma beda jiżviluppa s-sit.

Illi dejjem bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ma jistax l-appellat jiżviluppa sit b'mod abbużiv u illegali u imbagħad jiġi skużat għax 'ma kienx jaf' li s-sit kien wieħed ta' mportanza arkeoloġika/kulturali - u dana meta li kieku applika għall-permess kif kien obbligat li jagħmel, il-MEPA kienet indubbjament tiċħadlu l-permess u dana proprju minħabba li s-sit kien wieħed ta' mportanza arkeoloġika/kulturali. Jiġifieri hawnhekk għandha sitwazzjoni fejn Qorti, dejjem bid-dovut rispett, użat ksur ta' liġi minn persuna bħala skużanti għall-istess persuna.

Illi ġaladarba mill-atti proċesswali huwa paċifiku li kien l-appellat li għamel l-iżvilupp in kwistjoni fuq is-sit in kwistjoni mingħajr il-permessi meħtieġa, irrispettivament minn jekk kienx jaf jew le li s-sit kien wieħed ta' mportanza arkeoloġika/kulturali, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex alternattiva ħlief li ssib lill-appellat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront

tiegħu. Għal dak li jirrigwarda l-Ewwel (1) imputazzjoni, din hija msejsa fuq l-artikolu 53(1)(a) tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi:

> ***"Kull min:***
> ***(a) xjentement, jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' osservanza ta' regolamenti jikkaġuna dannu lil jew jeqred proprjetà kulturali sew jekk tali proprjetà kulturali tkun sew jekk ma tkunx reġistrata f'xi inventarju skont dan l-Att, u kemm jekk is-sid ta' tali proprjetà ta' patrimonju kulturali jkun il-persuna li tkun ikkaġunat il-ħsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qegħda tamministraha b'mod leġittimu…"***

Huwa evidenti li l-appellat ikkawża d-dannu minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, u huwa tabilħaqq inkonċepibbli kif l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza tagħha rritjeniet li dan ir-reat ma jistax ikun wieħed involontarju **meta hija l-liġi stess li tipprefiġġi li dan ir-reat jissussisti kemm meta min iwettqu jkun aġixxa volontarjament kif ukoll meta jkun aġixxa involontarjament.**

It-Tieni (2) imputazzjoni, imbagħad, hija msejsa fuq l-artikolu 53(1)(b) ) tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta, li jikkolpixxi lil kull min jagħmel attivita' jew jaġixxi bi ksur ta' l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali jew ta' regolamenti magħmulin taħtu. Fil-każ odjern, l-aġir ta' l-appellat jikser bl-aktar mod pależi id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant hu tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet zbaljata billi applikat il-ligi hazin. Ghalhekk, din il-Qorti kellha tifli mill-gdid il-provi prodotti u tanalizza jekk l-ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzjoni taghha.

Illi l-appellat Alfred Portelli kien xtara l-ghalqa in kwistjoni minghand il-konjugi Emmanuel u Maria Bonnici b'kuntratt in atti Nutar Dottor Marco Farrugia li ggib id-data tat-30 ta' Novembru, 2005.

Illi mill-provi li gew prodotti jirrizulta li Bonnici kienu ghamlu xi xogholijiet fl-ghalqa in kwistjoni. Dawn ix-xogholijiet gew a konjizzjoni tad-Direttorat tal-Ippjanar permezz ta' ittra tas-Sovraintendenza tal-patrimonju Kulturali li ggib id-data tat-28 ta' Jannar, 2004. L-ghada 29 ta' jannar, 2004 id-Direttur tal-Ippjanar kien informa lis-sid jew okkupjant b'dak li kien qed isir fil-post li kien kontra l-ligi. Il-Pulizija gew infurmati mis-Sovraintendenza fit-28 ta' Jannar, 2004. Mill-investigazzjonijiet li ghamlu rrizulta li s-sid tal-ghalqa kienu l-konjugi Bonnici. Jirrizulta wkoll li kien Emmanuel Bonnici li ghamel ix-xogholijiet fl-ghalqa u jirrizulta wkoll li hu ghamel xi danni fuq dan is-sid arkeologiku.

Illi mill-provi prodotti l-appellat eventwalment bena kamra u ghamel xi xogholijiet ohra. Madanakollu ma jirrizultax jekk l-appellat ghamel xi hdsara fuq dan is-sid, ghall-inqas ma hemm ebda prova li tavalla t-tezi tal-prosekuzzjoni li l-appellat hu wkoll responsabbli tal-hsara li saret.

Illi ghalhekk hu car li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-appellat ghamel hsara a tenur tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appelata.